# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 11 ta’ Marzu, 2002.**

**Numru 1**

**Fl-atti tas-Subbasta 80/95 FGC**

**Annunziata sive Nancy Bongailas**

**vs**

**Joseph Bongailas**

**Il-Qorti;**

## I PRELIMINARI

1. B’rikors ipprezentat quddiem l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Settembru 1995, Annunziata sive Nancy Bongailas (“l-appellata”), wara li ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija mill-istess Qorti fit-13 ta’ Lulju 1993 li biha l-appellata giet kanonizzata kreditrici ta’ Joseph Bongailas (“l-appellant”) fis-somma ta’ mija u tmenin lira Maltin kull xahar, pagabbli bil-quddiem bhala manteniment ghaliha, u wara li

ddikjarat li l-appellant kien debitur taghha fl-ammont ta' elf disa' mija u ghoxrin lira (Lm1920) hija talbet lill-istess Qorti li, in esekuzzjoni tas-sentenza msemmija, dik il-Qorti joghgobha tordna l-bejgh in subbasta tal-fond "Sonny Store", Bishop Street, Zebbug, Malta, proprjeta' tal-appellat sabiex jigi sodisfatt il-kreditu taghha, bl-ispejjez tal-mandat u b'riserva ghall-imghaxijiet ulterjuri.

2. B'digriet moghti mill-istess Qorti fid-19 ta' Settembru 1995 giet milqugha t-talba tal-appellata u ghall-fini tad-deskrizzjoni u valutazzjoni tal-fond in kwistjoni, nnominat lill-Perit Lawrence Montebello biex jirrelata, fiz-zmien xahar mid-data tal-access.

3. Fit-28 ta' Settembru 1995 l-appellant ipprezenta rikors quddiem l-imsemmija Qorti li bih talab li dik il-Qorti joghgobha tirrevoka "contrario imperio" d-digriet taghha tad-19 ta' Settembru 1995, li bis-sahha tieghu gie awtorizzat il-bejgh in subbasta tal-fond "Sonny Store", Bishop Street, Zebbug, proprjeta' tal-appellant. F'dak ir-rikors, l-appellant ibbaza t-talba tieghu fuq diversi allegazzjonijiet fosthom li s-sentenza tat-13 ta' Lulju 1993 kien fiha dispositiv li kien kondizzjonali, fis-sens illi s-somma stabbilita mill-Qorti bhala manteniment pagabbli lill-attrici mill-konvenut kellha tithallas biss lill-attrici kemm-il darba hija tibqa' tezegwixxi s-servizzi lill-familja li kienet qieghda taghmel sa dakinhar tas-sentenza, u cioe' li tipprepara l-ikel ghaz-zewg ulied minuri tal-kontendenti u ghall-istess appellant. L-appellant sostna illi biex dik is-

sentenza kienet tista' tigi ezegwita kien jehtieg li jsir accertament gudizzjarju iehor sabiex jigi stabbilit jekk il-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti kienux qieghdin jigu rispettati mill-appellata. F'dak ir-rikors l-appellant iddikjara li hu onora dejjem l-obbligi tieghu izda l-appellata martu naqset li taghmel dan.

4. Fis-17 ta' Ottubru 1995 l-appellata pprezentat ir-risposta taghha li biha hija talbet lil dik il-Qorti cioe' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili joghgobha tichad it-talba ghar-revoka "contrario imperio" tad-digriet imsemmi tal-14 ta' Settembru 1995 u dana ghal diversi ragunijiet li ssemmew fir-risposta taghha. Ewlenin fost ir-ragunijiet kien hemm il-pregudizzjali ta' natura procedurali fis-sens li fl-ewwel lok gie allegat li d-digriet li bis-sahha tieghu gie ordnat l-bejgh bis-subbasta kien digriet kamerali u mhux digriet interlokutorju u ghalhekk tali digriet ma setax jigi revokat mill-istess Qorti "contrario imperio". Subordinatament, l-appellata sostniet li d-dispozittiv tas-sentenza in kwistjoni ma kienx wiehed kondizzjonali ghaliex kieku l-Qorti riedet hekk dan kienet tghidu fis-sentenza espressament. L-appellata sostniet li d-disposittiv tas-sentenza in kwistjoni kellu jigi interpretat fis-sens li l-appellant kellu jhallasha mija u tmenin lira kull xahar bhala manteniment waqt li l-appellata kellha obbligu li tibqa' tezegwixxi s-servizzi tal-familja. Hija sostniet li jekk jigi allegat li hija naqset minn dan l-obbligu taghha, haga li ghal kull buon fini hija tichad li ghamlet kien ikun hemm lok ghal

azzjoni “ad hoc”, b’talba ghar-revizjoni tal-manteniment dovut, u dan kellu jsir fuq talba tal-parti interessata.

5. B’nota prezentata mill-appellant fl-10 ta’ Ottubru 1995, huwa indika lill-Qorti li t-talba ghar-revoka tad-digriet in kwistjoni kien qed jaghmilha ai termini tal-artikolu 283A tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12, liema artikolu kien gie fis-sehh b’effett mill-1 ta’ Ottubru 1995.

6. Illi ghall-ahjar intendiment ta’ din id-decizjoni, l-Qorti sejra tirriproduci d-disposittiv tas-sentenza moghtija fit-13 ta’ Lulju 1993 mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili ;

> “Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talba attrici fis-sens li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta’ mija u tmenin (Lm180) kull xahar, pagabbli bil-quddiem b’dan li hija tibqa’ tezegwixxi s-servizzi lill-familja li qed taghmel sa issa, li tipprepara l-ikel ghaz-zewg ulied minuri tal-kontendenti u ghall-istess konvenut li minn naha tieghu ghandu jissuplixxi n-necessitajiet ghall-istess tisjir kemm ghalih kif ukoll ghaz-zewg ulied imsemmija. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.”

7. Din is-sentenza giet appellata quddiem din il-Qorti, li b’sentenza taghha tat-28 ta’ Mejju 1996, l-appell interpost minn Joseph Bongailas gie milqugh limitatament billi s-sentenza appellata giet riformata principalment fis-sens li r-rata alimentarja li l-appellat gie kkundannat ihallas lill-appellata ghaliha nfisha giet redotta minn mija u tmenin lira Maltin ghas-somma ta’ mija u tletin lira Maltin fix-xahar u tnehha l-

obbligu li kien gie mpost fuq l-appellata li ssajjar, tahsel u taghti servizzi ohra tad-dar lill-appellant – salv xi obbligi ohra rispettivi tal-konjugi Bongailas li jissemmew fl-istess sentenza.

8. Fit-28 ta' Gunju 1996 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tat is-segwenti digriet li bih cahdet it-talba tal-appellant ghar-revoka tad-digriet tad-19 ta' Settembru 1995 ;

> "Il-Qorti,
>
> Tipprovdi fuq ir-rikors ta' l-imsemmi Joseph Bongailasipprezentat fit-28 ta' Settembru, 1996 billi, wara li rat id-digriet taghha precedenti, kif ukoll ir-risposta tal-intimata pprezentata fis-17 ta' Ottubru, 1995 u s-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell esebita mir-rikorrenti, u wara li kkunsidrat li s-sentenza fl-ismijiet premessi (Citaz. Nru 931/92) giet riformata mill-imsemmija Onorabbli Qorti b'sentenza tat-28 ta' Mejju, 1996 billi r-retta alimentarja dovuta lill-intimata giet ridotta minn Lm180.00 ghal Lm130.00 fix-xahar u billi tnehha l-obbligu li kien gie mpost fuqha li ssajjar, tahsel u taghti servizzi ohra tad-dar lir-rikorrenti u, wara li kkunsidrat li, ghalhekk, ir-raguni mressqa mir-rikorrenti li s-sentenza ma tistax tigi esegwita billi <u>jehtieg li jsir accertament gudizzjarju iehor</u> isssa tirrizulta manifestament infondata una volta li dan diga' sar kif inghad, kif ukoll li l-intimata ghad ghandha kreditu kontra r-rikorrenti li gie konfermat bl-imsemmija sentenza tat- 28 ta' Mejju 1996 ; u billi, ghar-ragunijiet imsemmija, t-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tad-digriet taghha tad-19 ta' Settembru, 1995 tirrizulta legalment infondata ;
>
> Tichad it-talba."

## <u>II</u> <u>L-APPELL</u>

9. Billi l-appellant hassu aggravat b'dan id-digriet tat-28 ta' Gunju 1996, huwa appella minnu, ai termini tal-artikolu 283A(5) tal-Kodici ta'

Organizazzjoni u Procedura Civili, quddiem din il-Qorti. L-appellant qed jitlob lil dina l-Qorti li joghgobha tirrevoka d-digriet moghti mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1996 u minflok tapprova t-talba tal-apellant ghat-thassir tas-subbasta 80/95, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimata appellata.

10. L-appellat qieghed jibbaza l-appell tieghu fuq zewg aggravji principali u cioe' ;

(a) Li l-ewwel Onorabbli Qorti kien mistenni minnha li ssegwi d-decizjoni li nghatat fit-28 ta' Mejju 1996 minn din il-Qorti tal-Appell. B'din id-decizjoni, din il-Qorti laqghet l-appell ta' Joseph Bongailas u rrevokat id-digriet moghti mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Settembru 1995, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1929/95 fl-ismijiet "Annunziata sive Nancy Bongailas vs Joseph Bongailas" u konsegwentement hassret ghal kull effett u fini tal-ligi l-istess mandat ta' sekwestru. L-appellant jispjega dana l-aggravju b'dawn il-kliem :

> "Illi l-fatt illi l-ewwel Qorti ghogobha, ghar-ragunijiet mghrufa lilha biss, tiddepartixxi ruhha mid-direzzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell, huwa sorprendenti hafna ghall-esponent u dana mhux mhux biss ghar-raguni illi almenu bhala prattika Qorti ta' Prima Istanza ghandha timxi konformament mad-decizjonijiet ta' Qorti aktar superjuri, izda aktar u aktar billi l-proceduri quddiem l-ewwel Qorti kienu ilhom sospizi ghal xi zmien u specifikament bil-ghan illi dik il-Qorti tistenna l-ewwel ezitu ta' l-Appell fuq riferit qabel ma tghaddi sabiex tippronunzja ruhha fuq il-materja."

(b) It-tieni aggravju tal-appellat huwa, fi kliemu stess ;

> "Illi assolutament m'huwiex minnu illi l-intimata ghad ghandha kreditu kontra l-esponent, liema kreditu skond l-Ewwel Qorti gie konfermat bis-sentenza l-ohra moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell kontestwalment fit-28 ta' Mejju 1996 fil-kawza fl-ismijiet sive Nancy Bongailas versus Joseph Bongailas (Citaz. Nru. 931/92 FDP)."
>
> Illi dan jinghad ghaliex dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Lulju 1993 **biss** in kwantu ddecidiet li l-appellata ghandha dritt li tithallas retta alimentarja ghaliha nnifisha minn ghand l-appellant. Ghall-kumplament, is-sentenza ma gietx ikkonfermata, anzi giet espressament riformata billi minflok gie stabbilit u likwidat ir-retta alimentarja dovuta lill-appellata, ghaliha nnfisha fis-somma ta' mija u tletin lira (Lm130) fix-xahar pagabbli lilha mill-appellant bil-quddiem, b'effett mit-28 ta' Mejju 1996, b'dana illi l-appellata ghandha tipprepara l-ikel ghall-ulied il-kontendenti u b'dana illi l-appellant ghandu jissuplixxi n-necessitajiet ghat-tisjir ghall-appellata u wliedha u jhallas ukoll il-kontijiet ta' dawl, ilma u telefon tad-dar matrimonjali."

11. Fir-risposta tal-appell taghha, l-appellata sostniet li d-decizjoni tat-28 ta' Gunju 1996 tal-Onorabbli tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet gusta u timmerita konferma. Hija sostniet illi s-sentenza tat-28 ta' Mejju 1996 ma kienitx taffettwa d-dritt tal-esponenti li tinforza d-drittijiet taghha permezz tas-subbasta nonostante li d-dritt tal-manteniment taghha gie ridott ghal mija u tletin lira fix-xahar. Hija ziedet tghid li d-drittijiet precedenti taghha ghall-manteniment ta' mija u tmenin lira fix-xahar, li kienu provvizorjament ezegwibbli skond is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Lulju 1993, baqghu impregudikati u li hija kien ghad baqghalha d-dritt tinforzahom. L-appellata inoltre sostniet li, fi kwalunkwe kaz, hija kien ghad baqghalha kreditu kontra l-

appellant ghall-hlas ta' manteniment ta' mija u tletin lira fix-xahar u dan il-kreditu kien gie kanonizzat bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-Appell. Hija sostniet li l-kreditu taghha ghall-manteniment kien gie biss ridott u mhux annullat kif qieghed jippretendi l-appellant.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

12. Min-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellata pprezentata fit-8 ta' Ottubru 2001 jidher car li hija baqghet tinsisti fuq il-pregudizzjali procedurali li kienet qajmet l-ewwel darba quddiem l-ewwel Qorti, liema Qorti, pero', baqqghet ma ddecidiethiex. L-appellata qieghda ssostni illi d-digriet li bis-sahha tieghu gie ordnat il-bejgh in subbasta tal-fond in kwisjtoni kien digriet kamerali u ma kienx digriet interlokotorju u ghalhekk dak id-digriet ma setax jigi revokat “contrario imperio” mill-Qorti li ppronunzjatu. In sostenn ta' din it-tezi l-appellata ccitat tlett sentenzi tal-Qrati taghna. L-appellata ssostni illi l-procedura korretta li kellha tigi wzata mill-appellant jekk dan ried jattakka dak id-digriet, kien li jaghmel kawza separata mill-atti tas-subbasta permezz ta' citazzjoni ad hoc li biha jitlob ir-revoka tad-digriet in kwistjoni.

13. Fil-fehma tal-Qorti, din is-sottomissjoni tal-appellata mhijiex proceduralment korretta. Is-sentenzi li hija ccitat in sostenn tat-tezi taghha jirrisalu kollha kemm huma ghall-perjodu qabel is-sena 1995. F'dik is-sena, ezattament bl-artikolu 140 tal-Att XXIV tal-1995 gie

introdott artikolu gdid u cioe' 283A u huwa proprju abbazi ta' dana l-artikolu li l-appellant ittanta jimpunja d-digriet li bih giet ordnata s-subbasta quddiem l-istess Qorti li kienet tat dak id-digriet.  Dana l-artikolu jiddisponi hekk ;

> "283A(1) Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, min jinhareg kontrieh att ezekuttiv jista' jaghmel rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att fejn jitlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi."

L-ewwel Onorabbli Qorti appuntat dak ir-rikors ghas-smiegh u l-appell li sar mid-digriet li eventwalment gie moghti fit-28 ta' Gunju 1996 sar mill-appellant quddiem din il-Qorti ai termini tas-subartikolu 5 tal-istess artikolu 283A.  Dan is-subartikolu jghid hekk ;

> "Appell minn digriet moghti taht is-subartikolu 4 ta' dan l-artikolu jista' jsir b'rikors fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-Qorti bil-miftuh."

14. Illi <u>dwar il-meritu tal-appell</u>, din il-Qorti jidhrilha illi l-istess appell huwa ben motivat u hemm lok li jigi milqugh billi z-zewg aggravji li ssemmew aktar qabel jidhru debitament sostanzjati.  Infatti, ghalkemm huwa veru illi s-sentenzi li jordnaw il-hlas ta' manteniment huma provvizorjament ezegwibbli, ma jistax jigi michud illi s-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-13 ta' Lulju 1993 ma kienitx wahda li semplicement ordnat il-hlas tal-manteniment izda kienet wahda li wkoll imponiet certi obbligi fuq l-appellata u cioe' li tippresta certi servigi lill-zewgha.  Gie allegat li l-appellata ma ottemporatx ruhha

skrupolozament ma' dan l-obbligu impost fuqu u infatti din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1996 rriduciet il-hlas tal-manteniment impost bis-sentenza tal-ewwel Qorti u nehhiet l-obbligu li kien gie mpost fuq l-appellata li ssajjar, tahsel u taghti s-servizzi l-ohra tad-dar lill-appellant.

15. Fil-fehma tal-Qorti anke l-aggravju l-iehor mressaq mill-appellant huwa gustifikat. Infatti, d-decizjoni impunjata tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Gunju 1996 ma tindika ebda raguni ghaliex id-decizjoni ta' din il-Qorti moghtija fit-28 ta' Mejju 1996 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1929/95 ma kellhiex tigi segwita. Jidher illi l-ewwel Onorabbli Qorti semplicement injorat din id-decizjoni nonostante li kopja taghha kienet giet debitament ipprezentata fl-atti fid-19 ta' Gunju 1996.

16. Illi bhala konkluzjoni din il-Qorti tirribatti li gja' la darba d-digriet impunjat fl-appell odjern huwa bbazat fuq is-sentenza tat-13 ta' Lulju 1993, liema sentenza <u>ma gietx ikkonfermata in toto</u> minn din il-Qorti izda giet riformata, isegwi li l-istess digriet ma jistax jibqa' aktar fis-sehh u hu ghalhekk hemm lok li l-appell jigi milqugh billi l-istess digriet jigi revokat.

17. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell, tirrevoka d-digriet impunjat tat-28 ta' Gunju 1996 u konsegwentement tirrevoka wkoll id-digriet moghti

mill-ewwel Onorabbli Qorti fid-19 ta' Settembru 1995 li bih gie awtorizzat il-bejgh in subbasta tal-fond "Sonny Store", Bishop Street, Zebbug, proprjeta' tal-appellant.

Fic-cirkustanzi, l-ispejjez kollha jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mg